# Il-Qanpiena l-Ġustanija: Mafkar lil Dun Ġwann Dumink Grech

**kitba ta' Julian Bezzina**

Fl-10 t'Ottubru 1679, il-Kappillan ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, Dun Dumink Faccioli ġie r-raħal tagħna biex jgħammed liċ-ċkejken Ġwann Dumink ibne Mario Grech u Catherina Spiteri li kienu mir-raħal tagħna stess. Il-parrinu tiegħu li kien mill-Belt Valletta wkoll kien Carsmus Miraglia. Fuq din it-tarbija xejn ma nafu sa ma laħaq qassis. Iżda nafu li kien Dun Ġwann Dumink Grech, benefattur kbir tal-Knisja tar-raħal.

Fis-sagristija tal-knisja tar-raħal hemm il-lapida li kienet fuq il-qabar tiegħu fil-Knisja, li huwa stess, kif hemm mikteb fuqha ħejja meta kien għadu f'saħtu. Fuq din il-lapida jolqtok dan il-kliem bil-latin irfinut: "Maris Hujusce Procellas effugiens Crescentis lune seu descrescentis fhases exosus auspice stellaquem diu mediatus est." Fi ftit kliem din is-sentenza tfisser li kien Alla li ħa ħsiebu u wasslu bis-sliem meta kien fuq il-baħar u kien jara l-qamar, fit-tlugħ u l-inżul tiegħu, ileqq fuq il-baħar imqalleb. B'hekk nafu li dan il-qassis Għargħuri kien bniedem tal-baħar, jew qabel ma sar qassis jew bħala Kappillan tax-xwieni ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Dun




***Il-Lapida tal-qabar ta' Dun Ġwann Dumink Grech fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għargħur***

Ġwann Dumink Grech għamel xi żmien bħala prokuratur tal-Knisja. Biex jibqa' mfakkar dan is-saċerdot, meta fl-1793 saret il-qanpiena fustanija, barra l-figura ta' San Bartilmew, il-Kappillan u l-prokuratur tal-Knisja ordnaw li ssir l-arma tal-familja tiegħu.

Kienu għaddew erbgħin sena minn meta nbniet mill-ġdid il-faċċata tal-Knisja fl-1743, meta saret il-qanpiena l-kbira fl-1782. Il-Kappillan Dun Salvatore Zarb u l-prokuratur tal-Knsija Dun Ludovic Mula kienu ordnaw din il-qanpiena fil-funderija tal-familja Trigance. Dawn kienu l-brunzara ta' l-Ordni ta' San Ġwann sa minn meta kienu għadhom f'Rodi. Għaxar snin wara li din tpoġġiet fil-kampnar tax-xellug, il-Kappillan Dun Bartilmew Ellul u l-prokuratur tal-Knisja Dun Ġwann Maria Sant ħasbu biex jordnaw qanpiena oħra għand l-istess funderija. Kull ma nafu fuq din il-qanpiena insibuh fil-kuntratt li sar bejn dawn u l-aħwa Frangesco u Giacchino Trigance, għand in-nutar Andrea Micallef fil-21 ta' Lulju 1793. Il-Kappillan Dun Bartilmew Ellul u l-prokuratur tal-Knisja, Dun Ġwann Maria Sant u l-


Die X Octobris 1679
Jo: Dom.cus filius Cl: Mari Grech et Catha. Jugalium coniug: huius Parr.
Jo: Dom.cus fuit Baptizatus a R.do Parocho S. Pauli Civitatis Vallettae D. Dom.co Familiari
Patrinus fuit Erasmus Miraglia filius q.dam Ioseph de Civit.e Valletta

**Estratt mill-Ktieb tal-Magħmudijiet miżmum fl-arkivju tal-Parroċċa ta' Ħal Għargħur fejn hi reġistrata l-magħmudija ta' Dun Ġwann Dumink Grech.**

aħwa Tringance ftehmu quddiem in-nutar u xhieda li kienu il-Kav. Giovanni Gafà u Giuseppe Bescica li fi żmien xahar minn dak in-nhar, l-aħwa Trigance għandhom jagħmlu qanpiena u jdendluha f'postha fil-kampnar tal-Knisja tagħna. Fl-istess kuntratt insibu tagħrif kif din kellha titħallas u dettalji oħra.

Il-prezz miftiehem kien li wara li din tintiżen minn piżatur pubbliku, dan kellu jiġi kkalkulat bir-rata ta' 110 skudi l-qantar. Iżda l-prokuraturi kellhom jagħtu lill-fundaturi 300 skud mal-kuntratt. Barra minn hekk l-aħwa Trigance ġew mogħtija qanpiena qadima li wara li din kellha tintiżen il-prezz tagħha jiġi kkalkulat bir-rata ta' 75 skud il-qantar u dan l-ammont jinqata' mill-prezz tal-qanpiena l-ġdida. Id-differenza li jkun fadal titħallas bir-rata ta' 50 skud fis-sena. Jidher li l-ewwel pagament sar fil-21 ta' Lulju 1794, sena wara li saret il-qanpiena.

Fil-kuntratt hemm miktub li fuq naħa tal-qanpiena jkun hemm il-figura ta' San Bartilmew u fuq in-naħa l-oħra l-arma tal-familja ta' Dun Ġwann Dumink Grech. Dan sar biex jiġi mfakkar dan is-saċerdot li kien miet sitta u erbgħin sena qabel. Dun Ġwann Dumink Grech miet fl-24 ta' Settembru, 1747.

Il-brunzara Giacchino u Francescus Trigance komplew imexxu l-funderija ta' nannuhom Fracescus Trigance (1660-1737). Iżda għalkemm Francescus Trigance l-aktar li għamel huma kanuni, nafu li hu għamel qanpeina għall-Knisja tan-Naxxar. Ħuh Giacchino għamel il-qanpiena l-kbira tar-raħal tagħna. Iżda skond il-kuntratt, il-qanpiena l-fustanija ġiet magħmula minnhom it-tnejn għax it-tnejn jidhru fuq il-kuntratt. Fost ix-xogħlijiet l-aktar importanti tal-funderija għall-familja Trigance hu l-monument tal-Granmastru De Vilhena fil-Floriana.